Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru: 341/2013

**GasanMamo Insurance Limited C1413 kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata tagħha Electrical Supplies and Services Limited skont il-ligi u l-polza (appellata)**

**Vs**

**Jet Services Limited (appellata) u John Abela Limited (appellanti)**

30 ta' April, 2019.

1. John Abela Limited appellat minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-18 ta' April, 2018 li biha kienet ikkundannata tħallas lill-attriċi s-somma ta' €10,385.66 danni li sofriet Electrical Supplies and Services Limited, l-assigurat tagħħa, u li jikkonsistu fi ħsarat *f'light fittings* li John Abela Limited ġarret f'Lulju, 2012. F'dik is-sentenza ddeċidiet ukoll li Jet Services Limited ma kellhiex responsabbilta għad-danni. L-attriċi ipproponiet appell inċidentali minn dik il-parti tas-sentenza li qalet li Jet Services Limited m'hijiex responsabbli.

2. L-aggravi tal-appellanti huma li:

   i. L-ewwel qorti m'għamlitx apprezzament tal-provi korrett, għaliex mill-provi rriżulta li l-ħsarat, *"... ġew ravviżati waqt li l-merkanzija kienet għadha mgħobbija fuq it-trailer ta' Jet Services Limited (sottolinear tal-esponenti) operat mis-soċjeta John Abela Limited".*
   ii. L-ewwel qorti ma kkunsidratx sew ir-raba' u sitt eċċezzjoni tas-soċjeta appellanti.
   iii. Il-ġarr internazzjonali tal-merkanzija jaqa' taħt il-Konvenzjoni CMR kif inkluż f'Kap. 486 tal-Liġijiet ta' Malta li jillimita r-responsabbilta tat-trasportatur skont artikolu 23 tal-Konvenzjoni, u kif issemma fil-ħames eċċezzjoni.

3. L-appellati wieġbu fejn taw ir-raġunijiet għalfejn l-appell għandu jkun miċħud. L-attriċi għamlet appell inċidentali għaliex fil-fehma tagħha l-appellata l-oħra kellha tkun dikjarata responsabbli għad-danni għaliex hemm provi li juru li l-ħsara lill-merkanzija saret waqt li kienet qegħda tkun stivata l-merkanzija fil-container mill-aġent li nkarigat.

**<u>Konsiderazzjoni</u>**.

4. Mill-provi hu car li meta l-merkanzija nġabret mingħand AEC Illuminazione Srl, f'Arezzo u tpoġġiet fit-trailer, it-tqegħid tal-merkanzija fil-*container* ma sarx mis-socjeta appellanti. F'dan ir-rigward:

   i. Duncan Agius (rapprezentant ta' Electrical Supplies and Services Limited) xehed: *"dan is-shipment partikolari l-Jet Services kienet ħatret kumpannija oħra magħrufa bħala Tosca North. Kienet hi li ġabret ix-xogħol mill-manufacturer tagħna li ħaditu fil-warehouse tar-rappreżentant tal-Jet Services ġewwa Malta"* (fol. 84);

   ii. Olvin Galea ta' Jet Services Limited xehed *"... f'dan il-każ is-soċjeta John Abela Limited ġie mqabbad direttament mis-soċjeta ESS biex jitla' l-maħżen tagħna u jieħu x-xogħol. Ir-relazzjoni tagħna kienet biss mal-ESS. Kienet tieqaf meta x-xogħol ġie rilaxxat mingħandna"* (fol. 69). It-tieni darba li xehed qal, *"Nixtieq ngħid li aħna ma kellna l-ebda relazzjoni ma' John Abela Limited f'dan il-każ. Ma tajnieh l-ebda nkarigu ta' xejn. Ngħid illi l-merkanzija in kwistjoni waslet Malta fuq container groupage tal-Alfaran. F'dan il-każ l-Alfaran ngħid li effettivament ħa container vojt ġewwa d-depot tagħna Milan. L-aġent tiegħi qabbad trailer. L-Alfaran mar jiffirma s-CMR u ħa t-trailer, ġibulna Malta fil-maħżen tagħna ssiġġillat. L-Alfaran huwa biss inkarigat biex iġorr il-merkanzija,* ***<u>ma kienx hu li għabba</u>****"* (fol. 97).

   iii. Il-verżjoni li ta Olvin Galea kienet ukoll konfermata minn Angelino Abela, direttur tal-appellanti (fol. 102).

5. Għaldaqstant hu evidenti li barra minn Malta, l-appellanti ma kellha assolutament xejn x'taqsam mat-tqegħid tal-merkanzija fil-*container*.

6. Il-qorti fehmet li f'Malta l-appellanti ġiet involuta peress li ESS inkarigatha biex tmur tiġbor il-merkanzija mill-maħżen ta' Jet Services Limtied. F'dan ir-rigward Duncan Agius xehed li kienu nkarigaw lill-appellanti f'Malta bħala burdnar sabiex tmur tiġbor ix-xogħol u twasslu għandhom (fol. 81).

7. Fil-kawża xehedu:

   i. **Vincent Micallef** li qal li hu *bond operator* ta' Jet Services Ltd. Spjega li l-merkanzija *".... nħattet u niżlet għandna. Naturalment il-merkanzija tinżel għandna tramite l-burdnar Curmi Brothers. Min iqabbad il-burdnar ma nafx ....* ***Inkun jien li nidderiġi lil Curmi fejn ipoġġi l-affarijiet dejjem f'isem Jet Services****"* (fol. 110);

   ii. **Anthony Abela**, direttur ieħor tas-soċjeta appellanti, xehed li meta jkun hemm xogħol tqil, *"... u biex ma nniżluhx mit-trailer,* ***Jet Services ma jniżżlux ix-xogħol minn got-trailer,***

***iħalluh fit-trailer u nieħduh transport biss għand il-klijent. Dan għalhekk aħna nġorru t-trailer kif ikun***. *Jiena lil bond operator ngħid li x-xogħol ma nkunx rajtu u huwa jgħidli mur fuq il-post u jekk ikun hemm xi ħaġa mhux tajba ngħidlu"* (fol. 75).

iii. **Angelino Abela**, direttur tal-appellanti xehed li John Abela Limited wasslet il-container minn Milan għal Genoa, fejn tgħabba fuq vapur. Kif jasal Malta, it-trailer jieħduh *"... Hal Far fil-warehouse tad-Dwana tal-Jet Services. Hemmhekk il-Jet Services qabdu l-burdnar tagħhom biex jiżvujtaw it-trailer. Ħafna drabi speċjalment f'dan il-każ iħallulna x-xogħol b'xi pallets ġot-trailer u jinkarigawna sabiex aħna nieħdu dawn il-pallets direttament għand il-klijenti tagħhom..... Aħna m'għamilna l-ebda handling ta' dan ix-xogħol. Trasport biss. Huma r-rappreżentanti tal-ESS li niżżlu x-xogħol fuq it-trailer tagħna"*.

iv. **Duncan Agius** xehed, *"Ma nistax nikkonferma jekk f'xi mument ix-xogħol inħattx jew it-trailer inbidilx"* (fol. 81);

v. **Olvin Galea** xehed, *"Pero' ma naqbilx li effettivament il-merkanzija in kwistjoni qatt ma tħattet minn fuq il-container. Niftakar effettivament li l-merkanzija tħattet minn fuq il-container u l-container reġa tgħabba minn rappreżentant tagħna"* (fol. 98).

8. Irriżulta li għall-ġarr barra minn Malta, Jet Services Limited użat trailer li kriet mingħand il-konvenuta l-oħra.

9. Ir-rappreżentant ta' John Abela Limited ħa l-merkanzija, iddikjara li tinsab *in good order and condition* (ara dokumenti a fol. 123 sa 126, iffirmati minn Anthony Abela). Fuq id-dokument hemm stampat il-kliem *"Received in good order condition"*. Mela l-presunzjoni hi li l-merkanzija ngħatat lill-appellanti f'kundizzjoni tajba.

10. M'hemmx qbil dwar jekk kif il-container daħal fil-*bonded warehouse* ta' Jet Services Limited, tbattalx mill-merkanzija. F'kull każ jekk kellha titwemmen il-verżjoni ta' Olvin Galea, il-container reġa tgħabba minn rappreżentant tagħhom. Mela m'hemmx dubju li John Abela Limited m'għamlitx *handling* ta' merkanzija. Il-qorti żżid li ma tara xejn stramb fil-verżjoni ta' Angelino Abela meta tikkunsidra li jidher li l-merkanzija twasslet għand ESS fl-istess container li ntuża biex inġiebet Malta, u li jidher li Jet Services Limited kienet kriet mingħand l-appellanti.

11. Duncan Agius, direttur ta' Electrical Supplies and Services Limited, xehed li meta l-merkanzija twasslet għandhom:

> *".... skoprejna illi diversi pallets kienu mgħaffġin minħabba l-fatt illi l-istivar tal-groupage container, kien sar b'tali mod li tpoġġew pallets tqal ħafna fuq pallets oħrajn*

*li kienu eħfef u bil-konsegwenza ta' hekk, il-pallet ta' taħt tgħaffġu u l-kontenut tagħhom ġarrab il-ħsarat"* (fol. 54).

12. Dak li qal Agius jidher li hu korraborat mill-ħsara li tidher fir-ritratti mehmuża mas-*survey report* (ara fol. 29 sa 31). Mir-ritratti hu evidenti li l-ħsara kienet fil-parti ta' fuq tal-*casing* ta' barra tal-apparat (ara ritratti a fol. 30). Ħsara li tindika li oġġetti tqal tpoġġew fuq il-kaxxi li fihom kien hemm l-oġġetti li jidhru fir-ritratti, u bil-piż parti mill-merkanzija ġarrbet ħsara. Għaldaqstant, f'dan ir-rigward din il-qorti taqbel mal-fehma tal-ewwel qorti li, *"Ir-ritratti juru li l-oġġetti in kwistjoni ġew mgħaffġin bil-maniera ta' kif ġew stakkjati"*.

13. Ġialadarba irriżulta li John Abela Limited m'għamlitx *handling* tal-merkanzija wkoll meta irċevitha mingħand Jet Services Limited u mill-provi li tressqu probabbilment il-ħsara saret waqt li kienet qegħda titgħabba, l-appellanti m'għandhiex iġorr responsabbilta' għal nuqqas ta' ħaddieħor. Hu minnu li Anthony Abela ffirma dokument li jgħid *"Received in good order condition"*. Madankollu l-merkanzija kienet magħluqa f'kaxxi tal-kartun u mdawwra bi plastik abjad (ara ritratt a fol. 29). Plastik li eventwalment tneħħa minn ESS. *Packing* li l-qorti fehmet li kien għadu ssiġġillat meta ESS irċeviet il-merkanzija.

14. Għaldaqstant, din il-qorti ma tistax taqbel mal-ewwel qorti li qalet, *"Is-soċjeta konvenuta Jet Services Ltd issostni li mhix responsabbli għal dawn id-danni stante li dawn ġew kaġunati waqt li l-merkanzija kienet qed tinġarr mis-soċjeta konvenuta John Abela Limited. U mill-provi prodotti dan il-fatt ġie pprovat għas-sodisfazzjon tagħha u għahekk l-eċċezzjonijiet tagħha qed jiġu milqugħa"*.

15. Il-qorti żżid li l-ħsara fil-merkanzija ma saritx minħabba xi inċident li seħħ waqt it-traġit tal-merkanzija, imma minħabba li min għabba t-trailer poġġa merkanzija tqila fuq il-merkanzija li saritilha l-ħsara. Dan hu evidenti u anke l-ewwel qorti aċċettatu. Madankolu l-ewwel qorti għamlet żball ta' fatt meta qalet li, *".... dan l-avveniment seta' kien prevedut minn persuna ta' ordinarja diliġenza li* ***kieku s-soċjeta konvenuta John Abela Limited kienet aktar attenta bil-mod kif in effetti għabbiet il-merkanzija*** *sabiex twassalha għand id-destinatarju tagħha is-soċjeta ESS"*. Mill-provi l-ewwel qorti kellha tikkonkludi li John Abela Limited m'għabbitx il-merkanzija fuq il-container.

16. Fit-tweġiba Jet Services Limited argumentat, *"Li huwa żgur huwa li* ***waqt it-traġit mill-Italja għall-Malta ma kien hemm ebda ħsara iżda minn warehouse sal-ħanut tal-attur iġġarbet il-ħsara****"*. Wara dak li nkiteb f'paragrafi 11 u 12 tas-sentenza, din il-qorti ma taqbilx ma' dik it-teżi. Il-provi juru li l-ħsara saret fil-merkanzija minħabba li fuq il-merkanzija li saritilha l-ħsara, tpoġġiet merkanzija li kienet ferm iktar tqila.

17. Hu minnu li l-appellanti wasslet il-merkanzija għand ESS bil-ħsara. Pero' hemm provi li juru li dik il-ħsara ma saritx minħabba aġir jew xi nuqqas tal-appellanti.

18. L-attriċi taċċetta li l-merkanzija li saritilha l-ħsara ma kinitx tniżżlet mill-container. Żiedet targumenta li l-appellanti kellha l-obbligu li *"... tara li l-*

*merkanzija li kien għad fadal fit-trailer kienet fi stat tajjeb, u li kienet imqiegħda fit-trailer b'tali mod li ma ssirx ħsara lill-merkanzija waqt it-traġitt".* Pero' l-inkarigu li ESS tat lill-appellata kienet li tiġbor il-merkanzija mill-bonded warehouse ta' Jet Services Limited u twassalha għand ESS. Xejn iktar. Il-fatt li l-burdnar jidher li ma qagħadx jispezzjona l-merkanzija, ma jfissirx li kien inadempjenti fl-obbligazzjoni.

19. Għaldaqstant, l-ewwel aggravju tal-appellanti ser jintlaqa'.

20. Għal dak li jirrigwarda l-appell inċidentali l-attriċi għandha raġun. Olvin Galea ta' Jet Services Limited xehed li l-istivar tal-merkanzija fil-*container* sar mill-aġent tagħhom barra minn Malta. Il-qorti fehmet li l-ftehim li sar bejn l-assigurat tal-attriċi u Jet Services Limited kien li tal-aħħar tiġbor il-merkanzija mingħand is-supplier fl-Italja u tistivah fil-container u twasslu Malta. Ovvjament kellha obbligu li ma ssirx ħsara lill-merkanzija. Dan ma kienx każ fejn l-istivar fil-container sar mill-kumpannija li mingħandha ESS xtrat il-merkanzija.

21. Fil-fatt kienet Jet Services Limited li ħadet ħsieb l-istivar tal-merkanzija fit-trailer. Hu evidenti li l-persuna li stivat il-merkanzija fil-*groupage container*, ma kienx attenta dwar il-merkanzija li kienet qegħda titpoġġa fuq merkanzija oħra. Meta titpoġġa merkanzija f'container, hu importanti li min ikun qiegħed jistiva l-merkanzija jkun ċert li qabel ipoġġi merkanzija fuq oħra jaċċerta ruħu li l-merkanzija ta' taħt tkun tiflaħ il-piż. Fil-każ in eżami kien rilevanti:

i. Il-*packaging* tal-merkanzija li saritilha l-ħsara. Fil-fatt l-oġġetti kienu f'kaxxi tal-kartun li huma baxxi.
ii. Il-merkanzija li hemm fil-kaxxi tal-kartun.
iii. Il-piż tal-merkanzija li tpoġġa fuq il-merkanzija ESS.

22. Fatturi li kienu kollha rilevanti u li hu evidenti li ma ttieħdux in konsiderazzjoni. Hu veru li fuq il-pakkett ma kienx hemm stampat il-kliem 'fragile' jew 'non-stackable'. Pero' jekk kien hemm xi dubju dwar x'kienu l-oġġetti, ma kellux jittieħed riskju.

23. Il-qorti terġa' ttenni li l-provi juru li l-ħsara fil-merkanzija ma saritx waqt it-trasport li għamlet il-kumpannija appellanti. Irrispettivament jekk il-ħsara saret meta l-merkanzija ġiet stivata fil-container barra minn Malta jew fil-bonded warehouse ta' Jet Services Limited, jibqa' l-fatt li f'dak il-mument il-merkanzija kienet taħt ir-responsabbilta' tagħha. F'kull każ il-qorti fuq bażi ta' probabbilta' tqies li l-verżjoni li taw Anthony Abela u Angolino Abela għandha mis-sewwa, għaliex il-merkanzija kienet inġiebet Malta f'container tal-kumpannija appellanti. Għalhekk jagħmel iktar sens li l-merkanzija ma tniżżlitx minn fuq il-container.

24. Jet Services Limited lanqas ma tista' tfarfar mir-responsabbilta billi tagħmel xi argument simili għal dak li għamlet l-appellanti, fis-sens li fuq il-kaxxi ma kienx hemm stampat li ma kinux *stackable*. Duncan Agius xehed, *"Li jirriżulta huwa li l-pallet iż-żgħir in segwitu ġie mgħobbi fuq il-pallet il-kbir. Iż-żgħir kellu aktar*

*piż mill-pallet il-kbir"* (fol. 82). Min poġġa merkanzija fuq oħra għandu d-dmir li qabel jaċċerta ruħu li l-merkanzija ta' taħt tkun tiflaħ il-piż tal-pallet merkanzija li jitpoġġa fuqu. M'huwiex biżżejjed li jargumenta li fuq il-*packing* ma kienx hemm stampat il-kliem *non stackable*. Id-dmir li jiżgura li ma ssirx ħsara hu fuq min jistiva l-merkanzija fil-*groupage container*.

25. Għal dawk li huma danni fl-ammont ta' €10,385.66 jirriżulta li sar survey fuq il-merkanzija u s-surveyor illikwida dik is-somma. Is-survey report hu konfermat bil-ġurament mill-awtur tiegħu. Rapport li fih innifsu hu prova tal-ħsara li saret fil-merkanzija. Dan ovvjament apparti l-provi li hemm li l-ħsara saret meta l-merkanzija tgħabbiet fil-container.

**Għal dawn il-motivi tilqa' l-ewwel aggravju tal-kumpannija appellanti u tħassar is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-18 ta' April, 2018, u**

- **i. Tilqa' t-tieni eċċezzjoni ta' John Abela Limited u tiċħad it-talba attriċi fil-konfront tagħha. Spejjeż taż-żewġ istanzi ta' dik il-konvenuta a karigu tal-attriċi.**
- **ii. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta l-oħra u tikkundanna lil Jet Services Limited sabiex tħallas lill-attriċi s-somma ta' għaxart elef tlett mija u ħamsa u tmenin Ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€10,385.66), bl-imgħax mid-data tan-notifika tar-rikors. Salv dak li diga' intqal dwar l-ispejjeż, il-kumplament tal-ispejjeż taż-żewġ istanzi huma a karigu ta' Jet Services Limited.**

Anthony Ellul.